MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 334/2013

Project **Technik Limited**

**Vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ erbat elef u disa u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (Euro 4089.82), in lenia ta’ xogholijiet rezi lis-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha stess u l-prezz ta’ materjal lilha fornut in konnessjoni mal-istess xogholijiet, kif ukoll thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mill-ittra ufficjali datata 27 ta’ Settembru, 2011 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali datati 27 ta’ Settembru, 2011 u tal-11 ta’ Jannar 2013 rispettivament u tal-mandat ta’ Qbid kawtelatorju ntavolat kontestwalment u bis-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-26 ta’ Frar, 2014 is-socjeta’ konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta, ghalkemm wara li l-kawza giet differita deher rapprezentant tas-socjeta konvenuta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ Marzu, 2014, is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta’ attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici, is-somma kumplessiva ta’ erbat elef u disa u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (Euro 4089.82), kif ukoll thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mill-ittra ufficjali datata 27 ta’ Settembru, 2011 bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, tal-ittri ufficjali datati 27 ta’ Settembru, 2011 u tal-11 ta’ Jannar 2013 rispettivament u tal-mandat ta’ Qbid kawtelatorju ntavolat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------